MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Numru. 755/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**VS**
**ALFONSO ABELA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfonso Abela ta’ 51 sena, iben Giuseppe u Maria imwielda Attard, imwieled Zejtun fis-26 ta’ Novembru, 1950 u residenti f’Fondster, Triq tal-Qattus, Ghaxaq, detentur ta' l-karta ta’ identita’ numru 961350M talli fit-13 ta’ Awissu, 2002 ghal habta ta’ 9.10pm fit-Triq it-Turisti, Qawra waqt li kien qed isuq mini bus GMY 086 b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, b’sewqan perikoluz u/jew b’nuqqas ta’ hila fis-sewqan, u/jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku tajjar

lil William McAllister u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr Fernando Pisani MD.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ufficjal prosekutur xehed illi fit-13 ta' Awissu, 2002 kien gie informat ghal habta ta' xi 9.15pm li kien sehh incident tat-traffiku fil-bus terminus ta' Bugibba li fih wegga' gravament turist William McAllister. L-ispettur Mercieca xehed illi PS 1174 informah li waqt li l-imputat kien isuq mini bus GMY 086 u kien diehel fuq il-lemin tal-bus terminus, kien laqat lil Mc Allister li safa mtajjar b'feriti gravi u ddahhal l-isptar. L-ispettur Mercieca kien kellem lil McAllister li nformah li waqt li kien qed jaqsam mix-xellug, fejn hemm telephone booth, ghal lemin, huwa ntlaqat minn mini bus. McAllister stqarr ukoll li kif ipprova jqum il-mini bus regghet laqtitu bil-genb tal-lemin. L-ispettur investiga lill-imputat u stqarr li Mc Allister kien qed jaqsam mill-lemin ghax-xellug u li hu, l-imputat, f'ebda hin ma rah quddiemu (ara fol. 15 u 16).

PS 1174 Adrian Sciberras xehed illi huwa acceda fuq il-post hekk kif sar jaf bl-incident u sab Ford Transit mini bus b'numru ta' registrazzjoni GMY 086 misjuqa mill-imputat, li gie identifikat fl-Awla. PS 1174 xehed li sab lil William Mc Allister ma' l-art u li dan gie mitkellem sakemm giet l-ambulanza. Mc Allister qal lil PS 1174 Sciberras is-segwenti: "I had just came out of the telephone box, went to cross the road, the mini bus came in, I didn't see any indication, he just kept coming and hit me. I got up and he hit me again", (ara fol. 19). PS 1174 esebixxa l-iskizz Dok. PS1 a fol. 22. PS 1174 xehed illi kemm l-imputat kif ukoll il-passiggier Christian Balzan, id-dispatcher, sostnew

li Mc Allister kien qed jaqsam from right to left, u cioe’ gie minn naha tar-right tax-xufier.

PS 1174 xehed illi l-imputat stqarr: “Jiena xeghelt l-indicator biex indur, u hu qasamli, miss mal-van in-naha tal-lemin u waqa’. Nghid li kont ghaddej bil-kemm imcaqlaq. Innotajt ukoll li x’hin giet ohtu saqsietu jekk kienx liebes in-nuccali u qalilha li kien qieghed f’idu, u qasam minn naha tal-lemin tieghi mhux minn naha tax-xellug”, (ara fol. 20). L-okkorrenza Dokument PS giet esebita a fol. 23.

In kontro ezami PS 1174 stqarr li l-incident gara xi 9.10pm f’Awissu u ghalkemm kien kwazi dalam ikkonferma wkoll li l-imputat kien diehel minn naha tal-Qawra Palace biex idur ghall-bus terminus. Ikkonferma wkoll li Mc Allister instab ma’ l-art u li hsarat fuq il-mini bus ma kienx hemm.

Christian Balzan a fol. 26 xehed illi huwa kien passiggier fil-mini bus ta’ l-imputat meta gara l-incident. Xehed illi l-imputat kien ghadu kemm wassal xi studenti d-diskoteka li kellu jigbor xi saghtejn wara, u allura kienu sejrin jiehdu hobza,
“u konna dehlin fil-venda ta’ Bugibba, ahna u nduru jaqsam individwu li wara sirna nafu li kien dak ir-ragel barrani li wegga’. Fonzu kien ghaddej kwazi jimxi, ma kienx qed isuq xejn, kien qed idur ma’ l-kantuniera tal-venda, u mill-ewwel waqaf, u nohorgu u nsibuh ma’ l-art”.

Balzan jghid li l-ewwel darba li ra lit-turist kien malli dan laqat il-van. Ma setax jiftakar ma’ liema direzzjoni kien qed jaqsam. Mitlub jghid b’liema speed kien ghaddej l-imputat, Balzan xehed illi “lanqas kien ghaddej bil-hames mili fis-siegha, zgur”, (ara fol. 27). Balzan stqarr ukoll illi l-van kien qieghed mal-bankina meta sar l-impatt. Balzan ikkonferma wkoll li d-dawl tat-triq kien mixghul. Qal ukoll li kienet giet oht il-kwerelant, kienet staqsiet lil Mc Allister ghan-nuccali tieghu (ara fol. 29). Balzan ikkonferma wkoll illi Mc Allister intlaqat bin-naha tal-lemin ta’ quddiem tal-mini van. Stqarr li kif l-imputat ra lil Mc Allister waqaf mill-ewwel, “he didn’t need to struggle to brake”. Ghalkemm ma kienx cert minn liema naha ghal ohra kien qed jaqsam

McAllister, Balzan jghid li l-probabilita' kienet li kien qed jaqsam from right to left.

Dr Fernando Pisani permezz ta' affidavit a fol. 35 ikkonferma li Mc Allister kien sofra minn ksur tal-clavicle u former tal-lemin, u kklassifika l-griehi bhala gravi per durata.

William McAllister xehed illi fil-lejl indikat fl-akkuzat, huwa kien ghadu kemm ghamel telefonata mill-"phone booth" sitwat fi Triq it-Turisti fejn l-ghassa ta' l-pulizija. Wara qasam it-triq, kien sejjer fid-direzzjoni tal-Qawra Palace, "and I was crossing infront of the bus station, a black object appeared from my left going towards my right. There were no lights, only total darkness", (ara fol. 37). Ikkonferma li l-van ma kellux dwal mixghula u lanqas indicator.

Mc Allister indika bl-ahmar fuq l-iskizz dokument PS1 fejn gara l-impatt, minn fejn kien qed jaqsam u bil-blue d-direzzjoni tal-van. Mc Allister indika permezz ta' cirku bl-ahmar il-parti tal-van li laqtitu, u kompla jsostni li ma' l-ewwel impatt, huwa habat rasu ma' l-art, pero' qam immedjatament izda l-van baqghet gejja fid-direzzjoni tieghu u rega' laqtu ghat-tieni darba u mat-tieni impatt Mc Allister jghid li ma setax jiccaqlaq u li infatti sofra ksur tal-clavicle tal-lemin. Xehed illi kien jehtieglu operazzjoni u dam erbatax –il gurnata l-isptar Malta, u li fi Glasgow kien dam l-isptar gimghatejn ohra.

Mc Allister in kontro ezami xehed illi huwa ghandu bzonn bissnuccali ghall-qari u li kien ikkonsenja n-nuccali lil ohtu sabiex ma jitilfux. Mitlub jghid jekk ohtu widbitux u saqsietu ghalfejn ma kienx liebes nuccali, Mc Allister jghid: "No, she definitely didn't say that because I don't wear glasses outside", (ara fol. 48).

Gew esebiti dokument MA u MA1 certifikati medici tal-kwerelant.

Ashraf El Nadar, spettur mal-Public Transport, xehed illi huwa ra l-incident jigri, ghalkemm kien boghod wisq biex

jintervjeni.  A fol. 52 El Nadar jghid li ra l-mini bus qed iddur u ra lil turista “kien gej isu naqra mghaggel”. “Umbaghad f’daqqa wahda habtu”, (ara fol. 53).  Permezz ta’ biro b’kulur ahjdar El Nadar immarka fuq l-iskizz b’marka S biex turi l-posizzjoni tieghu u l-vlegga biex turi l-post tal-impatt mat-turist.  Ikkonferma li l-mini bus kellha d-dawl mixghul u kkonferma wkoll il-prezenza ta’ tabelli li tiprojbixxi vetturi normali u vans milli jidhlu fil-bus terminus, (ara fol. 55).  Xehed pero’ li fis-Sajf “jidhlu hafna mini buses biex jigbru studenti”.  El Nadar ikkonferma li Mc Allister intlaqat bil-fanal ta’ quddiem in-naha tad-driver u haseb li l-van kellu indicators mixghulin.
El Nadar in kontro ezami xehed illi ntqal xi diskors minn oht Mc Allister dwar nuccali li suppost kien liebes izda li kien f’idejh fil-hin ta’ l-incident (ara fol. 63).

William McAllister esebixxa dokument MEX certifikat mahrug minn Dr Agius, (ara fol. 68) li jikkonferma li l-kwerelant m’ghandux bzonn ta’ nuccali ghall-boghod.

Dr Fernando Pisani a fol. 72 ikkonferma dokument MA1 a fol. 51, u cioe’ ksur tal-clavicle tal-lemin u li l-kwerelant kien qallu a tempo vergine li kien intlaqat minn mini bus, qam u ntlaqat darba ohra.

L-imputat ghazel li ma jixhedx a fol. 74.

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni taghha d-Difiza irribadiet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma giex pruvat “beyond the reasonable doubt” kif titlob il-Ligi.  Dan intqal ghaliex zewg xhieda indipendenti kkonfermaw li l-imputat ma kienx ghaddej b’xi speed izda bil-kemm jiccaqlaq.  Id-difiza rriteniet li x-xhieda tal-kwerelant ma gietx konfortata b’ebda xhieda ohra u li kien hemm konflitt serju fix-xhieda ta’ Mc Allister, mhux biss ghal zewg “points of impact” izda wkoll ghal dak li jirrigwarda d-direzzjoni ta’ kif qasam, liema direzzjoni giet kontradetta mix-xhieda indipendenti.

Il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-provi.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tibda biex tezamina l-lok fejn gara l-incident.  Dan is-sit kien il-venda tax-xarabanks li jipprojbixxi d-dhul ta’ kull vettura ohra ghajr xarabanks.  Dan ifisser li l-manuvra li ghamel l-imputat kienet bi ksur ta’ r-regolamenti tat-traffiku.  Di piu’ l-verzjoni ta’ l-imputat hija limitata ghal dak li qal lil PS 1174 li tinsab kontenuta fl-okkorrenza dokument PS, u dan ghaliex ma ttiehdet ebda stqarrija ta’ l-imputat tul l-investigazzjoni.

Illi ghalhekk l-uniku rakkont ta’ dak li gara emanixxi mill-istess kwerelant Mc Allister, mill-passiggier habib ta’ l-imputat Balzan u minn spettur ta’ Public Transport **li kien fid-dover li jara li ebda vettura ma tidhol fit-terminus.**

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda ta’ Mc Allister, ta’ Balzan u El Nadar, u wara li ezaminat Artikolu 637 tal-Kap 9 hi tal-fehma li l-verzjoni li ta l-kwerelant Mc Allister mhux biss hija kredibbli izda hija vero simili u ghandha mis-sewwa, u dan in kuntrast kbir ghax-xhieda ta’ Balzan u b’mod specjali ghax-xhieda ta’ El Nadar.

Dan qed jinghad ghaliex Mc Allister zamm ferm mal-verzjoni tieghu kemm a tempo vergine mas-surgent 1174 fl-okkorrenza u kemm minn naha meta kellem lill-ispettur Mercieca, kif ukoll meta kellem lit-tobba tieghu (ara xhieda ta’ Dr Fernando Pisani).  Apparti x-xhieda li ta quddiem din il-Qorti din il-verzjoni kienet dejjem wahda kostanti minkejja l-kontro ezami rigoruz tad-Difiza u l-mistoqsijiet ta’ l-istess Qorti.  Dana sostna li kien mar jaghmel telefonata, li qasam mid-direzzjoni B ghal A, pero’ aktar ‘il gewwa fit-terminus skond vlegeg immarkati b’linka hamra, dahlet mini bus bla dawl, tajru xi tnax jew hmistax –il pied u meta qam rega’ sab il-van ma’ wiccu u ttajjar ghat-tieni darba.  Jinnega li kien jehtieg nuccali ghal barra u jikkonferma li juza nuccali biss ghall-qari.  Dan l-istat ta’ fatt gie konfortat mic-certifikat Dokument MEX ta’ Dr Agius.

Illi minn naha l-ohra x-xhieda ta' Balzan u wisq anqas ta' El Nadar ma humiex vero simili anzi ghal kuntrarju, xi partijiet minnhom lanqas jaghmlu sens. Mhux vero simili kif jaserixxi Balzan li l-imputat kien ghaddej bil-kemm jiccaqlaq b'anqas minn hames mili fis-siegha.

B'tali speed vettura titwaqqaf b'facilita' u b'mod immedjat u ma kienux jirrizultaw griehi gravi bhal dawk li garrab il-kwerelant.

Illi in oltre x-xhud El Nadar, b'herqa kbira biex jiskolpixxi nuqqasijiet fi dmirijietu, prattikament ta' biex wiehed jifhem li kien il-kwerelant li dahal fil-van ghax kien mghaggel "donnu qed jitkellem fuq vetttura u mhux bniedem".

Illi din l-Qorti semghet "the honest outrage" ta' turist ta' sittin sena li gie Malta ghal vakanza u spicca ittajjar minn mini bus darbtejn f'temp ta' sekonda, f'zona projbita ghall-mini buses, u spicca bi griehi gravi, u din il-qorti taghraf li din il-verzjoni hija dik li ghandha mis-sewwa.

Ikkunsidrat illi sewwieq ta' karozza f'zona urbana per excellance bhal dik ta' Qawra fl-eqqel ta' stagun turistiku, ghandu jimxi bi speed ta' 25 miles per hour.

Illi in oltre huwa maghruf li "a right hand turn" hija manuvra minnha nfisha perikoluza, u sewwieq ghandu jzomm dak il-proper look out, jixghel indicator u jaccerta ruhu li jista' jibda u jispicca tali manuvra minghajr ma jipperikola sewwieqa ohra jew pedestrians. Dana kollu japplika meta si tratta ta' manuvra legali.

Meta pero' si tratta ta' manuvra illegali, l-oneru ta' 'proper look out' jimmoltipplika "expotentially". Kif attenta ir-right hand illegal turn l-imputat? Meta wiehed jezamina l-iskizz johrog b'mod lampanti li l-imputat kiser ghall-kantuniera mhux b'mod ampju sabiex ipoggi lilu nnifsu f'sitwazzjoni ta' vizwali ahjar, imma kiser f'daqqa "cutting the corner".

Illi ghar-rigward ta' speed din il-Qorti hija tal-fehma li l-ispeed ta' hames mili fis-siegha kif gie sostnut minn Balzan mhux biss huwa impossibli imma huwa

improbabbli wkoll. Tali speed jaghmilha possibli ghal sewwieq li jwaqqaf il-vettura tieghu istantanjament. Din il-Qorti hi ta' l-fehma li mhux biss l-imputat kien ghaddej bi speed ferm aqwa minn 25 miles per hour f'zona urbana; Mhux biss ma ghamel manuvra illegali, mhux biss ghad ferm aktar attent minhabba l-manuvra illegali, izda lanqas biss induna li laqat lil McAllister fl-ewwel impatt u kien biss mat-tieni impatt li rrealizza bih.

Dan l-agir ma jinkwadrax taht semplici negligenza, imma ghandu jitqies bhala sewqan perikoluz.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-artikolu 225, artikolu 226 tal-Kap 9 u artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65, artikolu 28A tal-Kap 9, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal tmintax –il xahar, waqt li tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal perjodu ta' seba' snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------